# IL-PROGRAMM TAL-METALINGWA

# IL-LIVELL 4 - L-EWWEL U T-TIENI SENA

## LINJI GWIDA

| Il-Morfoloġija – L-Ewwel u t-Tieni Sena<br>Livell 4 | |
|---|---|
| **L-Alfabett** | Għarfien tal-ittri tal-alfabett fil-Malti |
| **Il-Konsonanti Xemxin u Qamrin** | Il-konsonanti jitqassmu f'xemxin (ċ, d, n, r, s, t, x, ż, z) u qamrin (b, f, ġ, g, għ, h ,ħ, j, k, l, m, p, q, v, w). |
| **Il-Konsonanti Qawwija u Rotob (l-assimilazzjoni)** | Hemm xi konsonanti (bħal b, d, v, ż, g u l-bqija) li meta ngħidhom jew naqrahom fl-aħħar tal-kelma, jinstemgħu mod ieħor bħal kelb li tinstema' /kelp/; lewż, ċerv. |
| | Meta niġi biex naqra kliem li jispiċċa bl-għ/h jew meta dan ikunu ħdejn xulxin, dawn jinqraw bil-ħoss ta' ħ bħal tagħhom, magħha, qlugħ, fih. |
| **Il-Vokali** | Għarfien tal-vokali fil-Malti. |
| | Il-vokali ie titqies bħala ittra waħda minkejja li tinkiteb minn żewġ ittri. |
| **L-Artiklu.** | L-użu tal-artiklu quddiem kliem li nuża kuljum. Eż. Il-bieb aħdar. / Id-dar il-kbira. |
| **Il-Partiċelli: Il-Konġunzjonijiet** | It-tagħqid ta' kliem flimkien billi nuża l-konġunzjoni *u*. Eż. Jien u Mark. |
| | L-għarfien ta' kelma li turi azzjoni f'sentenza sempliċi bħal *John jaqra l-ktieb*. |

| | |
|---|---|
| **Il-Verb: L-Għarfien tal-verb fis-sentenza** | |
| **Il-Verb: L-Imperattiv** | Għarfien u fehim tal-kmand fit-taħdit fl-interazzjoni ta' kuljum fil-klassi. |
| **In-Nom: It-Tipi ta' Nomi** | X'inhu n-Nom? Jiġifieri l-ismijiet ta' oġġetti fil-klassi bħal *bieb*, *tieqa*, *pitazzi*, *kotba*. |
| **Il-Pronomi** | Fehim ta' kif tuża l-pronomi magħżulin f'kuntesti tat-taħdit, qari u smigħ. |
| **L-Aġġettivi** | Fehim ta' kif tuża l-aġġettivi, fosthom il-kuluri u kwalitajiet, fit-taħdit, qari u smigħ tiegħi ta' kuljum. |

| **Is-Sintassi – L-Ewwel u t-Tieni Sena<br>Livell 4** | |
|---|---|
| **L-Istruttura tas-Sentenza** | Għarfien tat-tipi ta' sentenzi sempliċi:<br>• Sentenza b'nom, verb u nom. Eż. *John jiekol il-ħut*.<br>• Sentenza b'nom, verb, nom u aġġettiv. Eż. *John jiekol il-ħut frisk*.<br>• Sentenza bi pronom dimostrattiv, nom bl-artiklu u aġġettiv. Eż. *Dan il-ballun aħmar*.<br>• Sentenza bi pronom personali, verb, nom u aġġettiv. Eż. Jiena nħobb il-ħobż mixwi.<br>• Sentenza bi pronom personali, verb, partiċella sempliċi, artiklu u nom. Eż. *Jien nilgħab bil-ballun*.<br>• Sentenza b'konġunzjoni. Jien u ħija nilagħbu ħafna. |
| **Il-qbil bejn l-elementi ewlenin tas-sentenza** | Għarfien ta' kif f'sentenza l-verb għandu jaqbel mas-suġġett f'dak li hu ġens u għadd. |

| Il-Punteġġjatura – L-Ewwel u t-Tieni Sena<br>Livell 4 | |
|---|---|
| **L-ittri kapitali** | Kull sentenza għandha tibda b'ittra kbira. Eż. Dan tifel bravu. |
| | L-ismijiet tal-ħbieb tiegħi u ta' dawk li jieħdu ħsiebi, tal-pets u l-ġugarelli tiegħi, tal-pajjiż u r-raħal fejn ngħix jibdew b'ittra kbira bħal Kylie, Fifi, Miċu, Malta, il-Mellieħa, Rokku r-Robot. |
| **Naf meta għandi nuża s-sing qasir (-)** | Is-sing huwa parti mill-artiklu u li għandi nużah kull meta nikteb kelma bl-artiklu. Eż. il-bieb, id-dar. |
| **Naf meta għandi nuża l-punt.** | Is-sentenza għandi nagħlaqha bil-punt. Eż. Din warda ħamra. |

| L-Ortografija – L-Ewwel u t-Tieni Sena<br>Livell 4 | |
|---|---|
| **Naf nikteb in-numri.** | Għarfien tan-numri kardinali: żero, wieħed/waħda, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra. |
| **L-alfabett (kitba tal-kliem)** | Għarfien tal-ittri kollha (żgħar u kbar) tal-alfabett u nagħżel bejn il-konsonanti (b, ċ, d, f, ġ, g, għ, h, ħ, j, k, l, m, n, p, q, r, s, t, v, w, x, ż, z) u l-vokali (a, e, i, o, u, ie). |
| | Għarfien ta' kliem skont forom differenti bħal /vk/ /vkv/ /vkkv/ /kv/ /kvkv/ /kvk/ /kvkkv/ /kvkvk/ /kvkkvk/ Eż. *id*, *ara*, *Alla*, *ra*, *pupa*, *ħut*, *kaxxa*, *daħal*, *kisser*. |

| | |
|---|---|
| | Kitba ta' kliem b'għoqod konsonantali bħal /kvkk/ /kkvk/ /kkvkv/ /kkvkk/ u l-bqija. Eż. *ħabb*, *trab*, *bravu*, *trakk*. |
| | Kitba ta' kliem fis-singular li għandu l-għ / h/ ie. Eż. *għasfur*, *għalqa*, *hemm*, *hija*, *huwa*, *huma*, *hawn*, *ried*, *wied*, *missier*, *ħalliel*, *tuffieħa*. |
| **Il-konsonanti (doppji fin-nofs, fl-aħħar, id-dgħajfin)** | Kitba ta' kliem komuni li fih konsonanti l-istess doppji fin-nofs bħal *ballun*, *sellum*, *marru*, *ċatta*. |
| | Kitba ta' kliem komuni li fih żewġ konsonanti differenti fin-nofs bħal *borma*, *kamra*, *tarġa*. |
| **Mudelli tal-għ/h** | Għarfien ta' kliem komuni bl-għ, fil-bidu ta' xi nomi, bħal *għasfur*, *għalqa*, *għax*, u *għanqud*. |
| | Qari ta' kliem li fihom l-għ fil-bidu u fin-nofs, bħal *għax*, *għandi*, *logħba*, *xogħol*, *ragħad*. |
| | Qari ta' kliem li fihom l-h fin-nofs, bħal *deher*, *fehem*, *deheb*, *xahar*. |
| **Il-vokali ie** | Kitba ta' kliem komuni b'sillaba waħda li fih il-ie bħal *bieb*, *sieq*, *ħbieb*, *wied*, *ried*, għax narahom miktuba u esposti viżwalment u megħjuna bl-istampi madwari fil-klassi, u fl-iskola. |

# LINJA GWIDA GĦAT-TQASSIM TAL-AMMONTI TA' KLIEM

# GĦAL SILTIET TAL-FEHIM MIS-SMIGĦ, MILL-QARI U L-KITBA

| **Il-Ħila** | **Mill-1 sena sat-2 sena** |
|---|---|
| **Is-Smigħ** | Sa 200 kelma |
| **Il-Fehim mill-Qari** | Sa 200 kelma |
| **Il-Qari Mgħajjat** | Bejn 50 u 75 kelma |
| **Il-Kitba Kreattiva** | Sa 50 kelma<br>(**Jekk student jikteb aktar għandu jkun inkuraġġit**) |